6 ta' Marzu, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Speranza Vella *versus* Antonio Sciberras et.

**Likwidazzjoni ta' Eredità — Spejjeż ta' l-Aħħar Marda — Dritt ta' Ożjoni — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Diviżjoni — Liċitazzjoni — Użufrutt — Art. 540 u 541, u art. 948 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Hija ġurisprudenza kostanti illi l-ispejjeż ta' l-aħħar marda, peress li jiġu nkorsi qabel ma l-komunjoni tkun inħallet bil-mewt ta' wieħed mill-konjuġi, għandhom jiggravaw fuq l-akkwisti.*

*Id-dritt ta' ożjoni mħolli mit-testatur favur wieħed mill-werrieta ma hux il-jedd li tagħti l-liġi fid-diviżjoni lill-kondividenti li jkun jippossjedi beni viċini għal xi wħud mill-beni li jkunu sejrin jinqasmu; u għalhekk dak id-dritt ta' ożjoni ma hux suġġett għall-kondizzjoni li fl-assi ereditarju jkun hemm beni oħra biżżejjed biex minnhom l-eredi l-oħra jkunu jistgħu jieħdu sehemhom ta' l-istess valur bħal dak tal-beni optati; u dan avvolja l-liġi tirrendi applikabili għad-diviżjoni fis-suċċessjonijiet ir-regoli tad-diviżjoni f'każijiet oħra; u avvolja fid-diviżjoni ereditarja wieħed għandu jara u jfittex li fil-formazzjoni tal-kwoti tidħol l-istess kwantità ta' ħwejjeġ mobili u immobili.*

*Għalhekk, min għandu dritt ta' ożjoni bis-saħħa tat-testment jista' jeżerċita dak id-dritt anki jekk ma jkunx hemm beni oħra fl-ere-*

*dità li minnhom il-werrieta l-oħra jkunu jistgħu jieħdu beni oħra tal-valur tal-beni li fuqhom ġie eżerċitat id-dritt ta' ozjoni.*

*Meta l-beni ma jistgħux jinqasmu komodament mingħajr ekwiparazzjonijiet eżaġerati u sproporzjonati, għandhom jiġu liċitati. U jekk xi beni minn dawk li għandhom jiġu liċitati jkunu suġġetti għal użufrutt, għandha ssir stima mnejn jirriżulta f'liema perċentwali għandha tinqasam bejn l-użufruttwarju u l-proprjetarji nudi dik il-parti tal-prezz li jiġi rikavat mill-liċitazzjoni li tkun tikkorrispondi għall-beni suġġetti għall-użufrutt, sabiex ikun jista' jiġi stabbilit liema parti ta' dak il-prezz għandha tibqa' suġġetta għall-użufrutt.*

L-attriċi f'din iċ-ċitazzjoni ppremettiet illi fis-27 ta' Frar 1935 (dok. A) mietet Giuseppa mart Salvatore Sciberras, b'żewġ testmenti li hija kienet għamlet "unica charta" ma' l-imsemmi żewġha fl-atti tan-Nutar Emmanuele Pio Debono, wieħed fid-19 ta' Mejju 1933, u l-ieħor fis-16 ta' Frar 1935 (dok. B u C), illi permezz tagħhom, wara li ħalliet diversi legati, istitwiet b'eredi universali tagħha lill-imsemmijin Speranza mart Calcedonio Vella, Antonio Sciberras, Maria mart Carmelo Camilleri, Antonia mart Carmelo Micallef, u Francesca mart Luigi Mifsud, f'sest ta' l-assi tagħha kull wieħed minnhom, u fis-sest l-ieħor hija istitwiet bħala legatarja użufruttwarja lill-imsemmija Grazia mart Giorgio Cortis, u bħala nudi proprjetarji lit-tfal li twieldu (ċjoè l-konvenuti Rosa, Salvatore, Clementa, Giuseppe, Speranza, Paolo, Consiglia, u Giorgio, aħwa Cortis) u li għad jitwieldu minn l-istess Grazia mart Giorgio Cortis, fi kwoti ndaqs bejniethom; u illi fis-27 ta' Frar tas-sena 1943 (dok. D) miet l-imsemmi Salvatore Sciberras, bl-imsemmija żewġ testmenti.............., u b'żewġ testmenti oħra partikulari, wieħed fl-atti tan-Nutar Dottor Vincenzo Maria Pellegrini tas-17 ta' April 1938, u l-ieħor fl-atti tan-Nutar Dr. Edwin Pantalleresco tat-3 ta' Frar 1943 (Dok. E u F), illi per mezz tagħhom, wara li ħalla diversi legati, istitwixxa b'eredi universali tiegħu lill-imsemmijin Speranza mart Calcedonio Vella, Antonio Sciberras, Maria mart Carmelo Camilleri, Antonia mart Carmelo Micallef, Francesca mart Luigi Mifsud, u Grazia mart Giorgio Cortis, f'sest ndiviż ta' l-assi ereditarju tiegħu kull wieħed minnhom; u li l-attriċi trid tikkonsegwixxi l-legati lilha mħollijin minn l-im-

semmijin ġenituri tagħha, kif ukoll il-kwota li mill-assijiet ta' l-istess ġenituri tagħha tmiss lilha; talbet li (1) tiġi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti..............; (2) tiġi likwidat l-assi partikulari ta' l-imsemmija Giuseppa Sciberras................., u prevja l-assenjazzjoni tal-legati ordnati mid-decujus, diviż dan l-assi f'sitt porzjonijiet indaqs, li għandhom jiġu assenjati bix-xorti, waħda lill-attriċi, oħra lil Antonio Sciberras, oħra lil Maria Camilleri, oħra lil Antonia Micallef, oħra lil Francesca Mifsud, u l-oħra lil Grazia Cortis in kwantu għall-użufrutt, u in kwantu għan-nuda proprjetà lill-imsemmijin uliedha Rosa, Salvatore, Clementa, Carmela, Giuseppa, Speranza, Paolo, Consiglia, u Giorgio, aħwa Cortis, u lit-tfal naxxituri ta' l-istess Grazia Cortis; (3) tiġi likwidat l-assi partikulari ta' l-imsemmi Salvatore Sciberras, billi jiġi dikjarat jikkonsisti......... u prevja l-assenjazzjoni tal-legati ordnati mill-istess decujus, diviż dan l-assi f'sitt porzjonijiet indaqs, li għandhom jiġu assenjati bix-xorti waħda lill-attriċi, u l-ħamsa l-oħra lill-konvenuti..........., waħda kull wieħed. Billi jiġi nominat nutar............... Bl-ispejjeż; il-konvenuti huma inġunti biex jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Din il-Qorti, wara li eżaminat l-inkartament, dokumenti u provi, ikkunsidrat;

Ir-relazzjoni tal-perit legali — li ma ġietx attakkata mill-kontendenti, la b'osservazzjonijiet verbali fid-dibattitu, u lanqas b'noti ta' kritika — hi ċara, elaborata u akkurata. Hemm biss xi osservazzjonijiet però, li għandhom isiru fuq il-punti li ġejjin;

1. Fil-likwidazzjoni tal-passiv ta' l-assi partikulari ta' Giuseppa Sciberras il-perit ikkomprenda l-ispejjeż ta' l-aħħar marda. Hi ġurisprudenza kostanti illi, peress li spejjeż simili jiġu inkorsi qabel ma l-komunjoni tkun inħallet bil-mewt ta' wieħed mill-konjuġi; għalhekk bħala debitu inkors fil-pendenza tal-komunjoni, għandu jiggrava fuq l-akkwisti. Din l-ispiża (ara fol. 184) hi, fil-każ in ispeċje, ta' £6. Issa, peress li meta din l-ispiża tiġi maqsuma f'żewġ infas, u mbagħad suddiviża bejn il-kontendenti, tirriduċi ruħha għal somma minima, u peress li l-interess tal-kontendenti hu pjù o meno identiku fiż-żewġ assijiet, hu l-każ li wieħed igħid "de minimis

non curat praetor", biex ma tiġix spostata l-bażi tal-kalkoli aritmetiċi tal-perit, bl-ispjjeż konsegwenzjali ta' relazzjoni supplementari, għal differenza traskurabili;

2. Il-perit sewwa kkonkluda illi s-sitt stabili rientranti fl-assi partikulari ta' Giuseppa Sciberras ma jistgħux jinqasmu komodament u bla diskapitu, minħabba l-ekwiparazzjonijiet eżaġerati u sproporzjonati li, diversament, ikun hemm lok għalihom (fol. 192); iżda fil-liċitazzjoni eventwali, għall-użufrutt li jmiss lill-konvenuta Grazia Cortis fuq il-porzjon ta' wliedha (fol. 195), għandu jiġi provvdut bil-mod li ġà ġie adottat, f'każ simili, fil-kawża "Kurunell Borg vs. Mons. Chetcuti et", deċiża minn din il-Qorti similment kostitwita (fejn il-pont ġie eżawrjentement diskuss) fl-24 ta' Lulju 1946;

3. Fil-paragrafu XLIII tar-relazzjoni tiegħu, fol. 222, il-perit tkellem fuq id-dritt ta' ozzjoni li t-testatur Salvatore Sciberras ta lil bintu l-attriċi Speranza Vella fit-testment tiegħu partikulari fl-attijiet Nutar Vincenzo Pellegrini tas-17 ta' April 1938 (kopja fol. 22). It-testatur ta lilha d-dritt li, meta ssir il-qasma ta' l-assi tiegħu, hija tagħżel xi stabili u tieħdu akkont ta' sehemha mill-wirt tiegħu, skond stima ta' perit; b'dan illi, jekk l-istabili li hija tagħżel ikun jiswa aktar minn sehemha mill-wirt, hi jkoliha tkompli d-differenza bi flus, u jekk ikun ta' valur anqas, allura hija tikkonkorri għad-differenza li jkun jonqosha mal-werrieta l-oħra fuq l-assi fil-qasma. L-attriċi ddikjarat li hi trid teżerċita dan id-dritt ta' ozzjoni. Il-perit ikkonkluda li lilha ma jikkompetix dan id-dritt, għaliex fl-assi partikulari tat-testatur ma hemmx ħlief stabili wieħed;

Issa wieħed għandu jikkunsidra li dan mhux il-jedd imsemmi fl-art. 540 tal-Kap 23, għaliex id-dritt li topta ma jikkompetix lill-attriċi minħabba li hi tippossjedi stabili viċini għal dawk in diviżjoni. Infatti, kieku kien dan id-dritt tagħha, allura indubbjament ma kienx ikollha d-dritt li topta, la darba l-istabili hu l-uniku wieħed u għalhekk, kuntrarjament għal dak li jinħtieġ skond l-artikolu fuq imsemmi, ma jibqax immobili oħra in komun li minnhom jista' jiġi assenjat lil kull wieħed mill-kondividenti sehem, bejn wieħed u ieħor, ugwali. F'dan il-każ, id-dritt tagħha ġej mit-testment. Hu veru li fl-art. 948 Kap. 23 il-liġi tirrendi applikabili għad-diviżjoni fis-

suċċessjonijiet ir-regoli tad-diviżjoni f'każijiet oħra, u għalhekk hu veru illi fid-diviżjoni ereditarja għandu jiġi osservat il-preskritt ta' l-art. 541, fis-sens li, fil-formazzjoni tal-kwoti, min jaqsam għandu jfittex li jdaħħal l-istess kwantità ta' ħwejjeġ mobili, immobili, ecc. Imma, apparti li l-ġurisprudenza dejjem interpretat din id-dispożizzjoni fis-sens li għandu jsir hekk, però fil-limiti tal-possibili, it-testatur ma illimitax id-dritt ta' l-attriċi bl-ebda kondizzjoni, lanqas bil-kondizzjoni li jkun hemm stabili oħra; u għalhekk ma tistax dik il-kondizzjoni tiġi imposta lilha, meta ma riedhiex it-testatur. Dan apparti li, fil-każ in eżami, il-konsegwenza taċ-ċaħda tad-dritt ta' ozzjoni ma tkunx li l-kondividenti l-oħra jieħdu sehem ta' stabili, imma li l-istess stabili jinbiegħ in liċitazzjoni;

Għalhekk il-Qorti tirritjeni li dan id-dritt ta' ozzjoni jmiss lill-attriċi skond it-testment;

Mill-bqija, il-konklużjonijiet tar-relazzjoni elaborata huma sewwa, u jiġu adottati;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi;

Fuq l-ewwel domanda;

Billi tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti............ u hekk fl-attiv bilanċjali ta' £3196. 17. 6. Minn dan l-attiv l-assi partikulari ta' Salvatore Sciberras għandu jieħu............ u l-assi partikulari ta' Giuseppa Sciberras għandu jieħu............;

Lill-assi partikulari ta' Salvatore Sciberras jiġu assenjati.............. u lill-assi partikulari ta' Giuseppa Sciberras jiġu assenjati..............; u b'hekk ġiet provvduta l-ewwel domanda;

Kwantu għat-tieni domanda;

Tillikwida l-assi partikulari ta' Giuseppa Sciberras billi tagħmlu jikkonsisti..............;

Il-Qorti tordna l-liċitazzjoni, bil-proċeduri tal-liġi, ta' l-istabili rientranti f'dan l-assi............ Kull kondivident ikollu dritt li jikkonsegwixxi u jiżbanka mir-rikavat il-kwota tiegħu ta' komparteċipazzjoni skond din il-likwidazzjoni. Kwantu għall-użufrutt ta' Grazia Cortis fuq is-sehem ta' wliedha, l-istess perit Zammit qiegħed jiġi inkarikat b'din id-deċiżjoni li, f'relazzjoni supplementari, fl-attijiet tal-liċitazzjoni hekk ordnata, igħid f'liema proporzjon ta' perċentwali għandha tinqasam bejn l-użufruttwarja Grazia Cortis u n-nudi proprje-

tarji wliedha dik il-parti tal-prezz li jiġi rikavat mil-liċitazzjoni, u li tikkorrispondi għal sest (1/6) li jmiss, in-nuda proprjetà, jiġifieri waħda minn erbgħa u ħamsin parti (1/54) kull wieħed mill-konvenuti Rosa..............., billi għall-finijiet talkalkolu tiegħu l-perit iqis, jekk jinħtieġ għal dan il-kalkolu, l-età ta' l-użufruttwarja, kif sar fil-kawża fuq imsemmija "Kuruneli Borg vs. Mons. Chetcuti", P.A. 24 ta' Lulju 1946;

Kwantu għas-somma li mill-flus tal-Bank tmiss f'dan l-assi ta' Giuseppa Sciberras lill-ulied il-konvenuta Grazia Cortis, u li tkun suġġetta għall-użufrutt tagħha, sejjer jingħata l-provvediment infraskritt;

U b'hekk tiġi provvduta t-tieni domanda;

Kwantu għat-tielet domanda;

Tillikwida l-assi partikulari ta' Salvatore Sciberras, billi tagħmlu jikkonsisti..............., u b'hekk fl-attiv ta' £2310. 17. 4............... Il-Qorti tagħti lill-attriċi Speranza Vella l-ozzjoni minnha mitluba skond it-testment ta' missierha għar-rigward tal-fond nru. 23, Britannia Street, il-Mosta, fuq l-istima li saret diġà fil-proċess, jiġifieri bis-somma ta' £1150, u għalhekk l-attriċi, fil-likwidazzjoni u d-diviżjoni ta' dan l-assi, ikollha tagħti lil kull wieħed mill-konvenuti............ is-sesta parti ta' dik is-somma, jiġifieri lil kull wieħed minnhom, £191. 13. 4;

Jibqgħu riżervati l-konteġġi............ Jibqa' nominat bħala kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi fl-att l-Avukat Dr. Edwin Bonello, li jkollu wkoll l-inkariku li jiddepożita, konformement għal din id-deċiżjoni, fil-Government Savings Bank, dawk il-flus li skond din a l-likwidazzjoni jkunu jmissu lill-konvenuta Grazia Cortis flimkien ma' wliedha — hi għall-użufrutt u huma għan-nuda proprjetà — billi, wara li jeżegwixxi l-inkariku tiegħu, prevju l-prelevament tad-drittijiet u spejjeż tiegħu, jippreżenta nota wara l-attijiet ta' din il-kawża, fejn igħid li sar id-depożitu, bid-dettalji meħtieġa, u jagħti l-ktieb tal-Bank lill-użufruttwarja, li jkollha dritt tiebu l-imgħax. Il-kapital ma jiġix żbankat ħlief bl-ordni tal-Qorti kompetenti;

*Omissis;*

L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-kontendenti fi kwoti ugwali —sest kull wieħed.

---